# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 26 ta' April 2018**

**Kawza Numru : 26**
**Rikors Guramentat Numru : 853/2016/LSO**

**Lawrence Pace (id 618753M), Joseph Camilleri (id 117921M), Concetta Borg (id 146130), Doris Pace (id 7903334M), John Mizzi (id 130757M), Joseph Mizzi (id 180360M), Charles Mizzi (id 650062M), Lawrence Mizzi (id 305569M), Lina Camilleri (id 685751M), Maria Rosa mart John Bugeja (id 630430M), Gillian Cachia (746357M), Tania Attard (id 629059M), Ruth D'Amato (id 587555M), Temistocle Attard (id**

**144872M), Tania Sciberras (id 88471M), Raymond Desira (id 193357M), Samuel Desira (id 41161M) Johan Desira (id 320370M), Christopher Desira (id 348073M), Marvic Buttigieg (id 623462M), Mark Desira, Nicholas Desira, Patrick Desira u Nolene Desira, Hilary Desira (id 143170M); Arthur Desira, Teresa Tonna (id 73338M), Violet Parnis (id 277640M), Joseph Desira (id 696427M), Simon Desira (id 321467M), David Desira (id 286769M), Kim Desira (id 285374M), Rev. Joseph Abela (id 716231M) u Pauline Schembri (id 100633M), Silvia Pace, William Pace (id 543743M), Joseph Pace (id 613745M), Maria Concetta Saliba (id 996047M), John Pace (id 937349M), Evelyn Pace (id 453352M), Dr David Cefai (id 215056M) Josephine Wadge, Charles Camilleri, Alfred Camilleri, Rosemary Parsons, Lucy Kiss, Vincent Camilleri, Maurice Camilleri, Marlene Desborough, Jeffrey Camilleri, Joanne Rowley, George**

**Meagher, Concetta mart Nazzareno Catania, Emanuele Meagher, Antonia mart Vincenzo Borg, Maria mart Antonio Camilleri, Giuseppe Meagher, Raymond Camilleri, Rebecca Frendo Cumbo, Paolino Darmanin, John Darmanin, Maria Stella Darmanin (id 52477M), Salvinu Darmanin, Joseph Darmanin, Evelyn Darmanin, John Darmanin (109770M), Loraine Zahra, Albert Muscat, Michael Darmanin, Mary Hughs, Pauline Grillo, Dorothy Darmanin, John Darmanin, Godwin Darmanin, Mary Therese Darmanin, Inez Harvey, Lawrence sive Renzo Bunting, Joseph Bunting, Rita Camilleri mart Louis, Maria Marengo mart Annibale, Teresa Parker mart Graham, Gemma Periera mart Percy, Frangisku, Carmen Frendo, Joseph, Emanuel, Charles, Michel Fenech, Marisa Fenech, Giuseppe Bonnici, Agnes Debono, Teresa Montebello, Frans Schembri, Sylvia Camilleri, Pawlina**

**Schembri, Lino Dalli, Vincent Samwel, Antonia Buhagiar, Mario Samwel, Tarcisio Samwel, Joseph Vella, Vincenza Roth, Carmen Catanese, Mary Vella, Carmela Mercieca, Paul Vella, Antonia Zammit, Mary Carmen Vella, Dennis Cefai, Michael Cefai, John Cefai, Carmela Mizzi, Suor Eustella fis-seklu Antonia Mizzi, Suor Maria Ugolina fis-seklu Teresa, Emly Mizzi, Lorenzo Mizzi, Lorenza Mizzi, Joseph Mizzi, Lawrence Pellicano, Paul Pellicano, Thomas Pellicano, Alfred Pellicano u Helen Pellicano, Giuseppa mart Giuseppe Scicluna, Mary mart Wilfred Archer, Lorenza Scicluna, u Diva Scicluna; Carmelo Orsini, Margaret mart Charles Crowe, Maria Teresa mart John Toon, Lorenzo Orsini, Salvina mart John Ghigo.**

**vs**

**Dr Yana Micallef Stafrace u l-PL Louisa Tufigno, li b' digriet tal-25**

**ta' Ottubru 2016 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti ta' Giovanna Ellul mart Romeo, u b' digriet tat-13 ta' Gunju 2017 Dr Yana Micallef Stafrace giet sostitwita b'Dr Mark A Mifsud Cutajar**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta' tal-imsemmija Lawrence Pace (id 618753M) u John Darmanin (id 109770M) et datat 27 ta' Settembru 2016 fejn esponew: -

1. Illi fil-lejl ta' bejn is-17 u 18 ta' Mejju 1957 miet Emanuele Orsini u dan miet intestat u dak iz-zmien wirtuh il-primi kugini tieghu li l-partijiet huma dixxendenti jew l-aventi kawza taghhom.

2. Illi l-primi kugini li kienu wirtuh kienu sbatax-il-persuna li kienu, 1) Carmelo Camilleri, 2) Giovanna mart Romeo Ellul, 3) Rosina mart Jacob Meagher sive Mehr, 4) Marianna mart Emanuele Pavia, 5) Giuseppe Camilleri, 6) Maria Stella armla ta' Giovanni Darmanin, 7) Concetta armla ta' Tomaso Banting it-tnejn ahwa Scicluna, 8) Francesco-Nicodemo Bonnici, 9) Emanuele Bonnici, 10)

Giuseppe sive Joseph Mary Bonnici Ikoll ahwa Bonnici, 11) Teresa mart Vincenzo Samuel, 12) Alfredo Vella, 13) Giovanni Vella, 14) Carmelo Vella, 15) Paula mart Alfredo Portelli, 16) Maria mart Giuseppi Mizzi u 17) Lorenza Orsini.

2. Illi permezz ta' rikors prezentat fl-20 ta' Lulju 1957 f'dak iz-zmien is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tal-Maesta Taghha (Dokument EO1) kien intalab minnhom li jkun hemm l-apertura tas-successjoni a favur taghhom Ikoll liema proceduri marru dezerti *stante* l-fatt li f'numru mic-certifikati kien hemm inezattezzi li fihom isem l-omm fi xbubitha kien gie erronjament indikat.

3. Illi l-imsemmi decujus halla warajh numru ta' proprjeta` mobbli li giet diviza mparti u proprjeta` immobbli.

4. Illi ghal dawn l-ahhar sebgha u hamsin sena ma kienx hemm kawzi bejn il-partijiet.

5. Illi tul dawn is-snin saru diversi tenttativi sabiex dawn l-proprjetajiet jigu divizi bejn il-partijiet bi proposti varji pero` baqghu ma waslux u ghalhekk illum waslu ghall-konkluzzjoni li dawn l-proprjetajiet ghandhom jigu mibjugha in licitazzjoni.

6. Illi apparti mill-fatt li l-werrieta originali kollha mietu hemm ukoll uliedhom u f'kazijiet ulied uliedhom li mietu.

7. Illi l-imsemmi Carmelo Camilleri miet u wirtu Joseph Camilleri (id 117921M), Concetta Borg (id 146130), Doris Pace (id 7903334M), Maria Mizzi li mietet u wirtuha wliedha John Mizzi (id 130757M), Joseph Mizzi (id 180360M), Charles Mizzi (id 650062M) u Lawrence ( id 305569M), u Romeo Camilleri li gie nieqes u li wirtuh Lina Camilleri (id 685751M), Josephine Wadge u Charles Camilleri u Alfred Camilleri, Antonio li miet u wirtuh, Rosemary Parsons, Lucy Kiss, Vincent Camilleri, Maurice Camilleri, Marlene Desborough, Jeffrey Camilleri u Joanne Rowley.

8. Illi l-imsemmija Giovanna Ellul mart Romeo mir-ricerki li saru l-werrieta taghha ma setghux jigu identifikati u ghalhekk dan il-wirt jinsab vakanti.

9. Illi l-imsemmija Rosina armla ta' Francis Meagher mietet u skont testament fl-atti tan-Nutar John Tabone Adami datat 18 ta' Lulju 1962 halliet lil binha George Meagher nofs il-wirt u r-rimanenti nofs bejn uliedha l-ohra Concetta mart Nazzareno Catania, Emanuele Meagher, Antonia mart Vincenzo Borg, Maria mart Antonio Camilleri u Giuseppe Meagher.

10. Illi l-imsemmi Giuseppe Camilleri miet f'Jannar 1980 u wirtuh John Camilleri huh li miet fid-9 ta' Settembru 1992, Raymond Camilleri u Rebecca Frendo Cumbo.

11. Illi l-imsemmija Maria Stella Darmanin mietet u halliet bhala werrieta lis-segwenti wlied Dun Alfred Darmanin li

miet intestat, Giuseppi Darmanin li miet fit-13 ta' Marzu 1984, Paolino Darmanin, Samwel Darmanin miet fis-27 ta' Frar 2003 u wirtuh John Darmanin u Maria Stella Darmanin, Salvinu Darmanin u lil Lorenzo Darmanin li miet u wirtuh Joseph Darmanin, Anthony Darmanin miet u wirtitu Evelyn Darmanin, John Darmanin, Teresa Muscat mietet u wirtuha Loraine *Zahra* u Albert Muscat, Michael Darmanin, Mary Hughs, Pauline Grille, Lawrence Darmanin miet intestat, kif ukoll lil Leone Darmanin li miet u halla werrieta tieghu lil Dorothy, John, Godwin u Mary Therese.

12. Illi l-imsemmija Concetta Bunting mietet fis-6 ta' Awwissu 1965 u wirtuha Inez Harvey, Lawrence sive Renzo Bunting u Joseph Bunting.

13. Illi Francesco Nicodemo Bonnici miet fis-7 ta' Dicembru 1972 u wirtuh uliedu Rita Camilleri mart Louis, Antonia Zahra mart Joseph, Maria Marengo mart Annibale, Teresa Parker mart Graham, Gemma Periera mart Percy u Frangisku u minn dawn mietet Antonia u wirtuha Carmen Frendo, Joseph, Emanuel, Charles u Mariella li giet nieqsa u wirtuha uliedha Michel Fenech u Marisa Fenech.

14. Illi Emanuele Bonnici miet intestat u minghajr ulied fl-10 ta' Marzu 1959 wirtuh hutu li kienu ghadhom dak iz-zmien hajjin u cioe` l-hawn precedentement imsemmi Francesco-Nicodemo Bonnici, u Giuseppe Bonnici u ‘l ulied tal-ahwa li kienu mietu diga` qabel u cioe` wlied l-premorta ghal wirt ta' Emanuele Orsini, Maria Rosa Desira li kienet

giet nieqsa fl-20 ta' April 1937 li kienu l-ewwel Carmela Attard mart Angelo Attard li mietet fil-15 ta' Settembru 1964 u wirtuha l-ewwel Maria Rosa mart John Bugeja (id 630430M) u t-tieni Temistocle li miet fit-28 ta' Mejju 1993 u halla bhala werrieta lil Gillian Cachia (746357M), it-tielet Tania Attard (id 629059M) xebba, ir-raba' Ruth D'Amato (id 587555M) mart Norman, il-hames Temistocle Attard (id 144872M) u s-sitta Tania Sciberras (Id 88471M) mart Patrick Sciberras, **it-tieni John Desira** li gie nieqes fit-8 ta' Gunju 1969 u wirtuh uliedu l-ewwel *Joseph Desira* li miet fis-26 ta' Awwissu 2006 u wirtuh 'l ulied tieghu Raymond Desira (id 193357M), Samuel Desira (id 41161M) Johan Desira (id 320370M), Christopher Desira (id 348073M) u Marvic Buttigieg mart Joseph (id 623462M); it-tieni Francis Desira li miet fit-28 ta' April 2007 u wirtuh uliedu Mark Desira, Nicholas Desira, Patrick Desira u Nolene Desira; it-tielet Arthur Desira li miet fil-15 ta' April 2006 u wirtu ibnu uniku Hilary Desira (id 143170M); ir-raba' Arthur Desira, il-hames Teresa Tonna (id 73338M) mart Vincent u s-sitta Violet Parnis (id 277640M); **it-tielet Salvatore Desira** li miet fis-16 ta April 1970 u wirtuh il-hames uliedu Joseph Desira (id 696427M), Albert Desira li miet fis-7 ta' Settembru 1999 minghajr ulied, George Desira li miet fit-30 ta' Gunju 2005 li wirtuh uliedu Simon Desira (id 321467M), David Desira (id 286769M) u Kim Desira (id 285374M), Agnes Debono, u Teresa Montebello; ir-raba' Maria Grazia Abela mart Carmelo li giet nieqsa fit-30 ta' April 1988 u wirtuha Catherine Abela (id 794329M) mietet 27 ta' Jannar 2015 u wirtuha Frans Schembri, Sylvia Camilleri, Rev. Joseph Abela (id 716231M) u Pauline Schembri (id

100633M); kif ukoll l-werrieta tal-premorta ghall-wirt ta' Emanuele Orsini Giovanna Pace li kienet mietet fit-30 ta' Lulju 1946 u li wirtha Antonio Pace li miet fit-30 ta' Novembru 1979 u halla lis-seba' wliedu Amabile Pace li miet fit-2 ta Ottubru 2011 u halla bhala werrieta lil martu Silvia Pace, William Pace (id 543743M), Joseph Pace (id 613745M), Maria Concetta Saliba (id 996047M), John Pace (id 937349M), Evelyn Pace (id 453352M) u Lawrence Pace (id 618753M)

15. Illi fit-3 ta Mejju 1974 miet Giuseppe sive Joseph Mary Bonnici u wirtitu Pawlina Schembri.

16. Illi l-imsemmija Teresa Samwel mart Vincenzo mietet u wirtuha Rita Dalli li mietet u halliet bhala werrieta lil Lino Dalli u kif ukoll Joseph Samwel li miet u halla bhala werrieta lil Vincent Samwel, Antonia Buhagiar, Mario Samwel u Tracisio Samwel.

17. Illi l-imsemmi Alfredo Vella miet u wirtuh Joseph Vella, Vincenza Roth, Carmen Catanese, u Mary Vella.

18. Illi l-imsemmi Giovanni Vella miet fis-17 ta' Dicembru 1985 u skont testament fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia datat 2 ta' April 1981 huwa halla bhala werrieta li bintu Carmela Mercieca fl-ammont ta' seba' partijiet minn disgha (7/9) u Paul Vella u Antonia Zammit fl-ishma ugwali ta' wiehed minn disgha (1/9).

19. Illi l-imsemmi Carmelo Vella miet fis-6 ta' Settembru 1975 u wirtitu Mary Carmen Vella martu.

20. Illi permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar pubbliku John Micallef Trigona datat 1 ta' Marzu 1968 it-tabib illum mejjet Joseph Cefai xtara wiehed minn sbatax (1/17) tal-imsemmi wirt minghand Pawla Portelli. Sussegwentement wara l-mewt tal-imsemmi Dr Joseph Cefai wirtu ibnu Dr David Cefai (id 215056M), Michael Cefai, Dennis Cefai u John Cefai.

21. Illi l-imsemmija Maria mart Giuseppi Mizzi mietet u halliet bhala werrieta lil Carmela Mizzi, Suor Eustella fis-seklu Antonia Mizzi, Suor Maria Ugolina fis-seklu Teresa, Emly Mizzi, Lorenzo Mizzi u Lorenza Mizzi.

22. Illi l-imsemmija Lorenza Orsini mietet fit-28 ta Marzu 1970 u b'testment fl-atti tan-Nutar John Spiteri Maempel datat 16 ta' Marzu 1964 halliet bhala werrieta lil ulied ta’ hutha u cioe` l-ewwel lil dawk ta' Maria mart Giuseppi Mizzi li kienu Carmela Mizzi, Suor Eustella fis-seklu Antonia Mizzi, Suor Maria Ugolina fis-seklu Teresa, Emly Mizzi, Lorenzo Mizzi u Lorenza Mizzi; it-tieni lil ulied Carmela mart Tommaso Pellicano u cioe` Carmela mart Joseph Mizzi, Lawrence Pellicano, Paul Pellicano, Thomas Pellicano, Alfred Pellicano u Helen Pellicano; it-tielet ulied Giuseppa mart Giuseppe Scicluna u cioe` Mary mart Wilfred Archer, Lorenza Scicluna, u Diva Scicluna; ir-raba’ wlied Salvatore Orsini u cioe` Carmelo Orsini, Margaret

mart Charles Crowe, Maria Teresa mart John Toon, Lorenzo Orsini, Salvina mart John Ghigo.

Raguni ghall-kawza.

23. Illi l-esponenti minkejja diversi tentattivi sabiex jaqsmu baqghu ma qasmux dan il-wirt u din il-kawza qieghda issir sabiex l-proprjeta` immobbli li hemm bejn il-partijiet wara li jigu identifikati l-ishma rispettivi jinbieghu u kull parti tiehu sehma mir-rikavat *ai termini* tal-ligi.

Talbiet.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti :

1. Jigi likwidat l-assi tal-imsemmi decujus Emanuele Orsini.

2. Li l-assi hekk likwidati jigu maqsuma f'sbatax-il-porzjon (1/17) ugwali u originali kif fuq indikat li minnhom sussegwentement l-werrieta rispettivi jiehdu skont s-sehem rispettiv taghhom f’dan l-istess sehem.

3. Li jigi dikjarata li l-imsemmija assi ma humiex komodament divizibbli bejn il-partijiet fil-kwoti rispettivi taghhom u dan okkorendo bin-nomina ta' periti nominandi.

4. Tordna konsegwentement li l-istess assi jinbieghu b'licitazzjoni bil-partecipazzjoni ukoll ta' oblaturi estraneji.

5. Tordna li r-rikavat mill-bejgh ta' l-istess proprjeta` dedott l-ispejjes jigi diviz bejn il-kontendenti skont il-kwoti rispettivi taghhom kif hawn debitament indikat.

Bl-ispejjes l-konvenut mharka ghas-subizzjoni.

Rat ir-rikors, id-digriet precedenti, il-bandi mahruga u r-riferta tal-Marixxall; billi ma deher hadd biex jaccetta l-kurazija, il-Qorti kif diversament presjeduta innominat lill-Avukat Dr Yana Micallef Stafrace u lill-Prokuratur Legali Lousia Tufigno bhala kuraturi ghal finijiet kollha tal-ligi (fol 84).

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif hekk presjeduta ghas-seduta tal-15 ta’ Dicembru 2016.

Rat ir-risposta ta’ Dr Yana Micallef Stafrace u PL Luisa Tufigno kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eredita' gjacenti ta' Giovanna Ellul mart Romeo, nominati b'digriet tal-25 ta' Otturbru 2016 datata 17 ta’ Novembru 2016 (fol 108) fejn esponew :

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Gunju 2017 (fol 394) fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Carmelo Mifsud Bonnici ghall-atturi, uhud mill-atturi prezenti. Il-Qorti ordnat is-sostituzzjoni ta' Dr Yana Micallef Stafrace bl-avukat li jmiss mill-elenku, billi giet elevata ghal Bank tal-Magistratura. Il-kawza giet differita ghall-istess skop tal-ahhar verbal ghas-17 ta' Ottubru 2017.

Rat in-nota tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali datata 14 ta' Gunju 2017 a fol 395 tal-proces li peremzz taghha jindika li l-Avukat li jmissu t-turn huwa Dr Mark A Mifsud Cutajar.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis 25 ta' Jannar 2018 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Carmelo Mifsud Bonnici ghar-rikorrenti, li talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza *in difetto ostacolo* ghas-26 ta' April 2018 fid-9:30am.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz ta' din il-kawza, r-rikorrenti qed jitolbu l-likwidazzjoni tal-assi ereditarji tad-decujus Emanuele Orsini, sabiex l-assi likwidati jigu maqsuma fi sbatax il-porzjon ugwali. Illi gie mitlub ukoll li jekk l-assi mhumiex komodament divizibbli bejn il-partijiet qed jintalab li l-assi jigi mibjugha b'bejgh b'licitazzjoni, sabiex ir-rikavat ikun jista' jinqasam skont il-kwoti rispettivi tal-partijiet.

Il-Kuraturi Deputati eccepew li mhumiex edotti mill-fatti, u rriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta ulterjuri motivata.

**Fatti:**

Jirrizulta li Emanuele Orsini, bin il-mejtin Saviour u Josephine nee Camilleri, kien miet, guvni u improle, fil-lejl bejn is-17 u t-18 ta' Mejju 1957 kif jidher minn Dok A esebit mar-rikors promotur a fol 18. Peress li miet intestat, wirtuh il-primi kugini li kienu sbatax. Jirrizulta wkoll, li r-rikorsipprezentat dak iz-zmien is-Sekond Awla, anness bhala Dok EO1, ghall-apertura tas-successjoni, izda r-rikors mar dezert, *stante* inezattezzi f'diversi certifikati f'isem kunjom xbubit l-omm. Gie dikjarat fir-rikors promotur li matul is-snin saru tentattivi ghall-qsim tal-wirt minghajr, fosthom l-immobbli formanti parti mill-wirt tad-decujus, madankollu l-ftehim baqa' qatt ma ntalahaq. Sussegwentement, mietu l-werrieta originali kollha, u llum ir-rikorrenti odjerni huma l-werrieta tal-eredi originali ta' Emanuele Orsini.

**Provi:**

**Audrey Ghigo** in rapprezentanza tal-Bank HSBC xehdet (fol 142-145; 395)[1] u esebiet Dok HSBC1, il-kont f'isem l-eredi ta' Emanuele Orsini. Spjegat li dan il-kont ghadu miftuh u hemm bilanc. Esebiet Dok HSBC2, il-file li ghandhom f'isem Emanuel Orsini, u hemm l-izbanki li saru. Minn ittra tat-3 ta' Gunju 1991 mibghuta mill-Mid Med Bank Limited (illum HSBC Bank Malta plc) lid-difensur tal-eredi jirrizulta li l-Bank hallas lis-segwenti eredi sehemhom mid-depoziti bankarji:

[1] Seduti tat-28 ta' Frar 2017 u tal-25 ta' April 2017.

1. Eredi ta' Francesco Nicodemo Bonnici
2. Eredi ta' Emanuele Bonnici
3. Eredi ta'Joseph Mary Bonnici
4. Eredi ta' Alfredo Vella
5. Eredi ta' Giovanni Vella
6. Eredi ta' Carmelo Vella
7. Dr Joseph Mary Cefai li kien xtara is-sehem indiviz ereditarju spettanti lil Paula mart Alfred Portelli
8. Eredi ta' Maria Mizzi
9. Eredi ta' Lorenza Orsini
10. Raymond Camilleri u Alfred Camilleri obo Rebecca Frendo Cumbo
11. William Compton obo eredi ta' Concetta Banting[2]

Mill-ahhar ittra tat 12 ta' Dicembru 1996 (fol 184) jirrizulta li l-bilanc f'dik id-data kien ta' Lm3268.88.

**Karin Bonnici** xehdet (fol 393) u qalet li hi tirrisjedi fil-fond 14, Triq id-Dejqa Birgu, fil-fond li hemm kwistjoni dwar f'dan il-kaz, u esebiet kuntratt datat 29 ta' Awwissu 2011, li bih akkwistat dan il-fond.

**Mario Magri** xehed in rapprezentanza tal-Awtorita` tad-Djar, (fol 394) (fol 440)[3] u qal li hu ser jixhed kif mitlub fir-rigward tal-fond numru 19 u 20 Triq id-Dejqa Birgu, li fuqhom hemm ordni ta' rekwizzizjoni. Il-fond numru 20 qal, li hemm Raymond Chircop qed ihallas il-kera lill-Awtorita`, mill-21 ta' Novembru 1994 'l hawn. Hu kkonferma li l-fond numru 20 ghadu rekwizizzjonat. Rigward il-fond numru 19,

[2] Il-hlas lil dawn l-ahhar zewg cipep permezz ta ittra tat-12 ta' Dicembru 1996
[3] Seduti tal-25 ta' April 2017 u tas-16 ta' Novembru 2017.

qal li d-derekwizzizzjoni harget fil-21 ta' Mejju 2009, u l-inkwilina ntrabtet li taghti l-ammont komplessiv kollu.

**Mario Magri** xehed ulterjorment permezz ta' affidavit (fol 399) u spjega li l-fond numru 19 gie rekwizizzjonat fil-11 ta' Marzu 1987 u l-fond 20, gie rekwizzizjonat fis-7 ta' Ottubru 1974, kif jidher minn Dok MM1 u Dok MM2. Id-dokument MM3 u MM4 jindikaw kemm gabret kera L-Awtorita' minghand il-kerrejja, u Dok MM5 juri kemm ingabret kera fil-fond 19 sakemm gie derikwizizzjonat fil-21 ta' Mejju 2009. Billi l-ammonti f'dawn id-dokumenti mhumiex somma kumplessiva, giet ipprezentata nota a fol 442, fejn gie indikat b'mod preciz l-ammont ta' kera ricevuta ghall-fond 19 ta' €419.29 u ghall-fond 20, ta' €2,113.07.

**Rapport tal-Perit Carmel Caccopardo**

B'digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Dicembru 2016, gie nominat il-Perit Carmel Cacopardo bhala Perit Arkitett (fol 110), fuq talba kongunta tal-partijiet, esebita a fol 109 u r-rapport tieghu jinsab esebit a fol 413 *et sequens* tal-process.

In segwitu ghal deskrizzjoni peritali ta' kull fond indikat lilu, l-perit Tekniku vvaluta l-lista ta' proprjetajiet li rreferewlu skont is-segwenti:

1. Il-fond 38-39, Triq Hilda Tabone, Birgu - €100,000
2. Il-fond 58, Triq Hilda Tabone, Birgu - €200,000
3. Il-fond 59, Triq Hilda Tabone, Birgu - €120,000
4. Il-fond 60, Triq Hilda Tabone, Birgu - € 50,000
5. Il-fond 8, Telgha tal-Foss, Birgu - € 250,000

6. Il-fond 9, Telgha tal-Foss, Birgu - € 60,000
7. Il-fond 19, Triq id-Dejqa, Birgu - € 60,000
8. Il-fond 20, Triq id-Dejqa, Birgu - € 70,000

Illi in segwitu, ma saritx talba ghal periti perizjuri, fit-terminu taz-zmien, hekk kif stabbilit mil-ligi.

Illi giet esebita wkoll kopja tad-denunzja tas-successjoni ta' Emanuele Orsini (fol 123 *et. seq)* minn fejn jirrizultaw li l-immobbli imsemmija gew debitament denunzjati.

**Talbiet:**

**Likwidazzjoni ta' l-assi ereditarji ta' Emanuele Orsini:**

**Immobbli:**

Il-proprjetajiet hawnhekk elenkati, bil-valuri kif stmati mill-espert nominat mill-Qorti.

1. Il-fond 38-39, Triq Hilda Tabone, Birgu - €100,000
2. Il-fond 58, Triq Hilda Tabone, Birgu - €200,000
3. Il-fond 59, Triq Hilda Tabone, Birgu - €120,000
4. Il-fond 60, Triq Hilda Tabone, Birgu - € 50,000
5. Il-fond 8, Telgha tal-Foss, Birgu - € 250,000
6. Il-fond 9, Telgha tal-Foss, Birgu - € 60,000
7. Il-fond 19, Triq id-Dejqa, Birgu - € 60,000
8. Il-fond 20, Triq id-Dejqa, Birgu - € 70,000

**Flus u /jew depoziti bankarji:**

Depozitu bankarju f'isem l-eredi ta' Emanuele Orsini

HSBC Bank plc – kont Numru 033-027244-050

L-ammont li jidher fl-i*statement* esebit Dok HSBC1 huwa – **€9,466.87**(gja Lm3268.88)

**Dritt:**

Fil-kawza**"Grech Carmelo vs Dr. Tonio Azzopardi'** deciza fit-28 ta' Jannar 2005 intqal:

"*Illi l-kwistjoni tal-bejgh b'licitazzjoni, meta wiehed mis-sidien tal-fond ma jridx jibqa' iktar bi shab ma' ohrajn, hija regolata bl-artikolu 515 sa 523 tal-kodici civili. Illi skont l-artikolu 518(1), meta l-komproprjetarji kollha jaqblu dwar bejgh b'licitazzjoni, ma hija mehtiega l-ebda formalita, u tista' ssir bil-mezz li l-komproprjetarji jiftehmu. Izda, meta ma jkunx hemm qbil bejn il-komproprjetarji kollha, l-ghazla ta' liema procedura ghandha tigi esegwita hija mhollija f'idejn il-Qorti."*

Il-bejgh b'licitazzjoni hu regolat bl-artikolu 515 *et sequitur* tal-Kap 16.

Illi ghalkemm il-bejgh b'licitazzjoni ta' beni immobbli jista' jsir bil-mod li jaqblu dwaru s-sidien kollha, jekk kemm 'il darba jsir b'ordni tal-Qorti f'sentenza jew ghax ma jkunx hemm fehma wahda bejn is-sidien kollha, l-ghazla ta' liema procedura ghandha tigi segwita hija mhollija f'idejn il-Qorti.[4] *(*Ara f'dan is-sens **'Edwards Major Joseph vs Cuschieri Dr. Leslie et'** P.A. – 22 ta' Jannar 1999).

[4] Artikolu 521(1) tal-Kap 16.

Illi t-talba sabiex gid immobbli mizmum minn ghadd ta' sidien jinbiegh b'licitazzjoni, trid titqies fid-dawl tal-principji ewlenin li jsawru l-istitut tal-ligi li titkellem dwar gid komuni. Fost dawn il-principji, hemm il-principju assodat li kull wiehed mill-komproprjetarji ghandu jedd jiehu s-sehem tieghu tal-beni indivizi in natura. **(artikolu 502 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta)** u l-bejgh in licitazzjoni huwa rimedju eccezzjonali ghal din ir-regola.[5] Inoltre`, hadd ma jista' jigi mgieghel li jibqa' jzomm haga in komun ma' haddiehor. (**Artikolu 496 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Il-Qorti ghandha tinvestiga jekk il-beni indivizi huma komodament divizibbli. F'dan l-ezercizzju, l-Qorti ghandha d-diskrezzjoni li tordna ekwiparazzjoni fi flus, jew anke bl-imposizzjoni ta' renta, fejn l-ishma ma jirrizultawx indaqs. (**artikoli 505 u 506 tal-Kap 16**).

Fil-kaz **"Giuseppe Zammit vs Ludgarda Grech"** P.A.- 8 ta' Marzu 1983 intqal:

"*Meta beni komuni jistghu jigu divizi bejn il-komproprjetarji, it-terminazzjoni tal-komunjoni ghandha ssir bil-mezz ta' divizjoni. Jekk il-beni in komuni ma jistghux jigu maqsuma komodament u bla diskapitu, dawn il-beni ghandhom jigu mibjugha b'licitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz taghhom."*

[5] Ara ad ez. Sentenza tat-22 ta' Dicembru, 1948, moghtija mill-On. Qorti ta' l-Appell fil-kawza **"Nazzareno Xuereb vs Giovanni Dimech et"** citata b'approvazzjoni fis-sentenza tal-On. Qorti ta' l-Appell fil-kaz "**Nicholas Jensen Testaferrata pro et noe vs in-Nobbli Anna Maria Spiteri Debono pro et noe**. et – dec.fid-29 ta' April 2005; App Civ:5.3.1954 fil-kawza fl-ismijiet **Baldacchino et vs Baldacchino** (Koll.Vol:XXXVIII.105) u P.A. 2.3.1959 fil-kawza fl-ismijiet **Fleri vs Portelli**(kollez. Vol.XlIII.ii.657)

F'dan l-istess kaz, gie kkwotat il-kaz **"Speranza Vella vs Antonio Sciberras noe"** P.A. 6 ta' Marzu 1948, fejn gie ritenut li:

*"Meta l-beni ma jistghux jinqasmu komodament minghajr ekwiparazzjonijiet esagerati u sproporzjonati, ghandhom jigu licitati."*

Fil-kawza **"Herbert Conti vs George Tonna"** P.A. 24 ta' Marzu 1983 inghad:

*"Mill-banda l-ohra **l-artikolu 552 tal-Kodici Civili** jipprovdi li jekk il-beni in komun ma jkunux jistghu jigu maqsuma bla xkiel u bla hsara, u ma tkunx tista' ssir tpattija b'beni ohra in komun ta' xorta differenti, izda tal-istess valur, dawn il-beni jigu mibjugha b'licitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz taghhom." (*Ara wkoll **"Edwards Major Joseph vs Cuschieri Dr. Leslie et"** P.A. – 22 ta' Jannar 1999).

**<u>Applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz in ezami.</u>**

Mill-atti tal-kaz, jirrizulta, li l-fondi numri 21, u 13/14 fi Triq id-Dejqa, Birgu ma kienux proprjeta` ta' Emanuel Orsini, kif jidher mill-kuntratti esebiti a fol 149 *et sequens* u fol 397 tal-process. Ghalhekk, dawn il-proprjetajiet mhumiex ser jigu meqjusa li jiffurmaw parti mill-massa ereditarja ta' Emanuel Orsini, ghalkemm il-fond 21, kien elenkat fid-dikjarazzjoni *causa mortis* esebita a fol 123 sa 128. Fil-kaz in ezami, jidher car li *in vista* tan-numru ta' immobbli formanti l-mertu tal-kaz u tan-numru konsiderevoli ta' komproprjetarji li mhemmx bizzejjed immobbli biex jigu

divizi lill-werrieta u ghalhekk sabiex issir gustizzja lill-eredi kollha din il-Qorti ser tordna l-bejgh b'licitazzjoni.

Illi b'referenza ghall-immobbli formanti parti mill-wirt ta' Emanuele Orsini, gie mahtur il-Perit Cacopardo li vvalutta l-immobbli b'mod individwali, kif elenkat aktar 'il fuq.

Fil-kaz **Louis Gauci vs Angelo Attard**, P.A. deciza fid-9 ta' Dicembru 2002, gie ritenut:

*"…….il-giudizio dell'arte espress mill-espert nominat minnha mhux facli li jigi skartat. Biex taghmel dan il-Qorti jehtigilha tara jekk fil-kumpless tac-cirkostanzi dan il-gudizzju huwiex wiehed irragjonevoli jew priv minn dawk l-elemeti assodanti li jwasslu ghall-konvinciment."*

Ghalhekk, jigi ritenut, li din il-Qorti ser takkolji l-valutazzjoni tal-Perit Tekniku mahtur.

**<u>Fattispecje tal-kaz:</u>**

Jirrizulta li Emanuel Orsini miet intestat fit-18 ta' Mejju 1987, u dak iz-zmien wirtuh il-primi kugini tieghu, li kienu sbatax-il persuna. Illi dawn il-werrieta originali mietu, *stante* li qatt ma ntlahaq ftehim bejniethom dwar il-qsim tal-wirt, kwindi r-rikorrenti fil-vertenza odjerna huma d-dixxendenti jew l-aventi kawza tal-werrieta originali.

Jibda biex jinghad fl-ewwel lok, li l-eredi originali kienu l-kugini ta' Emanuele Orsini (1) Carmelo Camilleri, (2) Giovanna Ellul, (3) Rosaria Meagher, (4) Marianna Pavia, (5) Giuseppe Camilleri, (6) Maria Stella Darmanin, (7)

Concetta Bunting, (8) Francesco Nicodemo Bonnici, (9) Emanuele Bonnici, (10) Giuseppe sive Joseph Mary Bonnici, (11) Teresa mart Vincenzo Samuel, (12) Alfredo Vella, (13) Giovanni Vella, (14) Carmelo Vella, (15) Paola Portelli, (16) Maria Mizzi, (17) Lorenza Orsini.

Illi in segwitu, jirrizulta, li xi whud mid-dixxendenti tal-werrieta originali, mietu wkoll, u ulied uliedhom mietu, ghalhekk il-werrieta taghhom, huma r-rikorrenti fil-vertenza in ezami.

Jirrizulta is-segwenti, kif premess, li mhuwiex ikkontestat.

Illi l-prim kugin ta' Emanuel Orsini, Carmelo Camilleri miet u wirtuh Joseph Camilleri, Concetta Borg u Doris Pace, Maria Mizzi mietet u wirtuha uliedha John Mizzi, Joseph Mizzi, Charles Mizzi, u Lawrence Mizzi. Romeo Camillieri miet u wirtuh Lina Camilleri, Josephine Wadge, Charles Camilleri u Alfred Camilleri, Antonio miet u wirtuh Rosemary Parsons, Lucy Kiss, Vincent Camilleri, Maurice Camilleri, Marlene Desborough, Jeffrey Camilleri u Joanne Rowley.

Illi t-tieni kugina (werrieta originali ta' Emanuele Orsini) Giovanna Ellul mart Romeo Ellul, jirrizulta mir-ricerki testamentarji li saru esebiti a fol 118 *et sequens*, li l-werrieta taghha ma setghux jigu identifikati, b'hekk il-wirt taghha jinsab vakanti.

Illi t-tielet kugina Rosina Meagher mietet u skont testment datat 18 ta' Lulju 1962, halliet lil binha George Meagher nofs il-wirt u r-rimanenti nofs bejn uliedha l-ohra Concetta

Catania, Emanuele Meagher, Antonia Borg, Maria Camilleri u Giuseppe Meagher.

Ir-raba' kugina ta' Emanuele Orsini, Marianna Pavia mietet, u ma giex premess min kienu l-werrieta taghha.

Il-hames kugin ta' Emanuele Orsini, Giuseppe Camilleri miet, f'Jannar 1980, u wirtuh John Camilleri, huh, li miet fid-9 ta' Settembru 1992, Raymond Camilleri u Rebecca Frendo Cumbo.

Is-sitt kugina ta' Emanuele Orsini, Maria Stella Darmanin, mietet u halliet werrieta s-segwenti ulied, Dun Alfred Darmanin li miet intestat, Giuseppi Darmanin, li miet fit-13 ta' Marzu 1984, Paolino Darmanin, Samwel Darmanin miet fis-27 ta' Frar 2003, u wirtuh John Darmanin u Maria Stella Darmanin, Salvinu Darmanin u lil Lorenzo Darmanin, li miet u wirtuh Joseph Darmanin, Anthony Darmanin miet u wirtuh, Everlyn Darmanin, John Darmanin, Teresa Muscat mietet u wirtuha Lorraine Zahra, Albert Muscat, Michael Darmanin, Mary Hughs, Pauline Grillo; Lawrence Darmanin miet intestata, kif ukoll Leone Darmanin li miet u halla werrieta lil Dorothy, John Godwin u Mary Therese Darmanin.

Is-seba' kugina ta' Emanuele Orsini, Concetta Bunting mietet fis-6 ta' Awwissu 1965 u wirtuha Inez Harvey, Lawrence Bunting u Joseph Bunting.

It-tmien kugin ta' Emanuele Orsini, Francesco Nicodemo Bonnici miet fis-7 ta' Dicembru 1972 u wirtuh uliedu Rita Camilleri, Antonia Zahra, Maria Marengo, Teresa Parker,

Gemma Pereira, u Frangisku Bonnici, minn dawn mietet Antonia u wirtuha Carmen Frendo, Joseph, Emanuel, Charles, u Mariella li mietet u wirtuha uliedha Michael Fenech u Marisa Fenech.

Id-disa' kugin ta' Emanuele Orsini, Emanuele Bonnici, miet intestat u minghajr ulied fl-1989, ghalhekk wirtuh hutu li kienu hajjin, u cioe` Francesco-Nicodemo Bonnici, Giuseppe Bonnici u l-ulied tal-ahwa li kienu mietu, l-ulied il-premorta ghall-wirt ta' Emanuele Orsini.

**L-ewwel** Carmela Attard mart Angelo Attard li mietet fil-15 ta' Settembru 1964, u wirtuha Maria Rosa, Bugeja, Temistocle, li miet fit-28 ta' Mejju 1993 u halla bhala werrieta lil Gillian Cachia, Tania Attard, Ruth D'Amato, Temistocle Attard, u Tania Sciberras.

**It-tieni** John Desira li miet fit-8 ta' Gunju 1969 u wirtuh uliedu Joseph Desira li miet fis-26 ta' ta' Awwissu 2006, u wirtuh uliedu, l-ewwel, Raymond Desira, Samuel Desira, Johan Desira, Christopher Desira, Marvic Buttigieg; it-tieni Francis Desira li miet fit-28 ta' April 2007, u wirtuh uliedu Mark Desira, Nicholas Desira, Patrick Desira u Nolene Desira; it-tielet Arthur Desira li miet fil-15 ta' April 2006 u wirtu l-unika ibnu Hilary Desira; ir-raba' Arthur Desira; il-hames Teresa Tonna, u s-sitta Violet Parnis.

**It-tielet** Salvatore Desira miet fis-16 ta' April 1970 u wirtuh il-hames uliedu Joseph Desira, Albert Desira, li miet fis-7 ta' Settembru 1999 minghajr ulied, George Desira li miet fit-30 ta' Gunju 2005 li wirtuh uliedu Simon Desira, David Desira u Kim Desira, Agnes Debono u Teresa Montebello.

**Ir-raba'** Maria Grazia Abela mart Carmelo, li mietet fit-30 ta' April 1988 u wirtuha Catherine Abela, li mietet fis-17 ta' Jannar 2015, u wirtuha Frans Schembri, Sylvia Camilleri, Rev. Joseph Abela u Pauline Schembri, kif ukoll il-werrieta tal-premorta ghall-wirt, Giovanna Pace, li kienet mietet fit-30 ta' Lulju 1946 u li wirtuha Antonio Pace li miet fit-30 ta' Novembru 1979, u halla lis-seba' uliedu Amabile Pace, li miet fit-2 ta' Ottubru u 2011, u halla bhala werrieta lil martu Silvia Pace, William Pace, Joseph Pace, Maria Concetta Saliba, John Pace, Evelyn Pace, u Lawrence Pace.

L-ghaxar kugin ta' Emanuele Orsini, Giuseppe sive Joseph Mary Bonnici miet fit-3 ta' Mejju 1974 u wirtitu Pawlina Schembri.

Il-hdax-il kugina ta' Emanuele Orsini, Teresa mart Vincenzo Samwel mietet u wirtuha Rita Dalli li mietet u halliet bhala werrieta lil Lino Dalli u Joseph Samwel, li miet u halla bhala werrieta lil Vincent Samwel, Antonia Buhagiar, Mario Samwel u Tarcisio Samwel.

It-tnax-il kugin ta' Emanuele Orsini, Alfredo Vella miet u wirtuh Joseph Vella, Vincenza Roth, Carmen Catanese u Mary Vella.

It-tlettax-il kugin ta' Emanuele Orsini, Giovanni Vella miet fis-17 ta' Dicembru 1985 u skont testment datat 2 ta' April 1981, huwa halla bhala werrieta lil bintu Carmela Mercieca fl-ammont ta' seba' partijiet minn disgha (7/9) u Paul Vella

u Antonia Zammit fl-ishma ugwali ta' wiehed minn disgha (1/9).

L-erbatax il-kugin ta' Emanuele Orsini Carmelo Vella miet fis-7 ta' Settembru 1975 u wirtitu martu Mary Carmen Vella.

Il-hmistax il-kugina ta' Emanuele Orsini, Paola Portelli ttrasferiet wiehed minn sbatax (1/17) il-sehem tal-imsemmi wirt permezz ta' kuntratt datat 1 ta' Marzu 1968 lin-Nutar Dottor Joseph Cefai, li miet u wirtuh Dr. David Cefai, Michael Cefai, Dennis Cefai, u John Cefai.

Is-sittax-il kugina ta' Emanuele Orsini, Maria Mizzi, mietet u halliet werrieta lil Carmela Mizzi, Suor Estella fis-seklu Antonia Mizzi, Suor Maria Ugolina fis-seklu Teresa, Emly Mizzi, Lorenzo Mizzi u Lorenza Mizzi.

Is-sbatax-il kugina ta' Emanuele Orsini, Lorenza Mizzi mietet fit-28 ta' Marzu 1970 u b'testment datat 1964, halliet werrietha lil ulied ta' hutha u cioe` l-ewwel, lill-ulied ta' Maria Mizzi, Carmela Mizzi, Suor Eustella fis-seklu Antonia Mizzi, Suor Maria Ugolina fis-seklu Teresa, Emly Mizzi, Lorenzo Mizzi u Lorenza Mizzi, it-tieni lil ulied Carmela Pellicano u cioe` Carmela Mizzi, Lawrence Pellicano, Paul Pellicano, Thomas Pellicano, Alfred Pellicano u Helen Pellicano, it-tielet, ulied Giuseppa Scicluna u cioe` Mary Archer, Lorenza Scicluna, Diva Scicluna, ir-raba', ulied Salvatore Orsinin, u cioe` Carmelo Orsini, Margaret Crowe, Maria Teresa Toon, Lorenzo Orsini, u Salvina Ghigo.

Dan kollu gie premess fir-rikors guramentat, u fil-fatt l-ishma rispettivi tal-partijiet, qed jintalbu li jigu maqsuma fi sbatax-il porzjon ugwali, kif kienu appartenenti originarjament lis-sabatax il-kugini, werrieta originali ta' Emanuele Orsini, illum defunti. Dan hu korrett billi l-kwota ereditarja tigi stabbilita fil-mument tal-apertura tas-successjoni, ossia fid-data tal-mewt tad-decujus. Skont l-**artikolu 812 (c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** "*jekk ma jkun hemm ebda axxendent jew axxendenti iżda jkun hemm qraba kollaterali diretti: għall-qraba kollaterali diretti.*" Fil-kaz odjern gie stabbilit li l-kollaterali huma mnisslin mill-ahwa tal-genituri rispettivi tad-decujus cioe`, tal-familji Orsini u Camilleri rispettivament.

Din il-Qorti ser takkolji l-fatti kif elenkati fil-premssi, flimkien mal-provi kollha esebiti fl-atti, *ai fini* tal-ishma apparteneti lill-eredi. Jigi osservat, li dak kollu enuncjat fil-premessi ghar-rikors promotur, ghalkemm mhux kollu korroborat bi provi dokumentarji, mhuwiex ikkontestat mill-partijiet, u ghalhekk il-kontenut tar-rikors promotur *ai fini* tal-eredi u l-ishma tar-rikorrenti, qed jigi affermat fl-intier tieghu.

Referibbilment ghall-kont bankarju f'isem l-eredi ta' Emanuel Orsini, jigi dedott, li mid-dokument esebit mir-rapprezentant ufficjal tal-HSBC Bank plc, dokument HSBC2, jirrizulta li mill-bilanc prezenti ta' dan, kien diga sar zbank tal-ishma dovuti lil Raymond Camilleri u Alfred Camilleri ghan-nom ta' Rebecca Frendo Cumbo, fejn gie mhallas is-sehem ta' wiehed minn seba' (1/7) u kif ukoll, hekk kif jirrizulta mill-istess atti, thallas is-sehem ta' wiehed minn tmienja (1/8) li William Compton bhala "attorney" li kien qed jirraprezenta lil eredi ta' Mrs. Concetta Bunting.

Inoltre b'ittra a fol 187 jirrizulta li l-Bank hallas is-sehem dovut mill-kont tal-eredita' lill-eredi segwenti:-

1. Francesco Nicodemo Bonnici
2. Emanuele Bonnici
3. Joseph Mary Bonnici
4. Alfredo Vella
5. Giovanni Vella
6. Carmelo Vella
7. Dr Joseph Mary Cefai li kien xtara is-sehem indiviz ereditarju spettanti lil Paula mart Alfred Portelli
8. Maria Mizzi
9. Lorenza Orsini

Rigward, it-tieni talba, fejn, qed jintalab li l-assi likwidati jigu maqsuma fi sbatax-il porzjoni ugwali, u l-werrieta rispettivi jiehdu skont is-sehem rispettiv taghhom, jigi ribadit, li hawnhekk, irid jittiehed in konsiderazzjoni, l-izbank li diga gie effettwat lir-rikorrenti **Rebecca Frendo Cumbo**, u lill-eredi ta' Concetta Bunting, **Inez Harvey, Lawrence u Joseph Bunting u l-eredi imsemmija fil-paragrafu ta' qabel dan** kif murija fl-ittra tal-Mid Med Bank Limited tat-3 ta' Gunju 1991 (fol187). Ghalhekk, fid-divizjoni tal-kont bankarju ezistenti f'isem l-eredi ta' Emanuel Orsini bl-ammont ta' €9,466.87 ghandu jinqasam bejn ir-rikorrenti fl-ishma kif ser ikunu elenkati fil-**paragrafu intitolat KWOTI EREDITARJI.**

Izda, ghar-raguni fuq esposta, Rebeccca Frendo Cumbo, u Inez Harvey , Lawrence u Joseph Bunting,Francesco Nicodemo Bonnici,Emanuele Bonnici,Joseph Mary Bonnici,Alfredo Vella,Giovanni Vella,Carmelo Vella,Dr

Joseph Mary Cefai ,Maria Mizzi u Lorenza Orsini m'ghandhomx jippartecipaw f'din il-qasma rapprezentanti l-kont bankarju, *stante*, li diga, hadu s-sehem taghhom, precedentement kif jirrizulta minn Dok HSBC2 esebit a fol 184 *et sequens* tal-process.

**KWOTI EREDITARJI**

*In visto* tal-premess din il-Qorti ser tghaddi biex tordna li l-assi likwidati jigu maqsuma fi sbatax-il porzjon ugwali u originali, li minnhom ir-rikorrenti, l-werrieta rispettivi, jiehdu dak spettanti lilhom. Illi l-kwoti rispettivi ghandhom jinqasmu skont l-ishma rispettivi skont is-segwenti:

1. L-ewwel sehem ta' wiehed minn sbatax (1/17) parti lil Joseph Camilleri, Concetta Borg, Doris Pace, John Mizzi, Joseph Mizzi, Charles Mizzi, Lawrence Mizzi, Lina Camilleri, Josephine Wadge, Charles Camilleri, Alfred Camilleri, Rosemary Parsons, Lucy Kiss, Vincent Camilleri, Maurice Camilleri, Marlene Desborough, Jeffrey Camilleri, Joanne Rowley, fi kwoti ndaqs bejniethom.

2. Is-sehem ta' wiehed minn sbatax (1/17) lill-eredita' gjacenti ta' **Giovanni Ellul** .

3. Nofs indiviz (1/2) ta' wiehed minn sbatax (1/17) parti lil George Meagher, u nofs indiviz (1/2) ta' wiehed minn sbatax (1/17) parti kull wiehed lil Concetta Catania, Emanuele Meagher, Antonia Borg, Maria Camilleri u Giuseppe Meagher, fi kwoti indaqs bejniethom.

4. Wiehed minn sbatax parti rapprezentanti s-sehem ta' Marianna Pavia

5. Wiehed minn sbatax (1/17) parti lil Raymond Camilleri u lil Rebecca Frendo Cumbo.

6. Wiehed minn sbatax (1/17) parti lil Paolino Darmanin, John Darmanin, Maria Stella Darmanin, Salvina Darmanin, Joseph Darmanin, Evelyn Darmanin, Loraine Zahra, Albert Muscat, Michael Darmanin, Mary Hughes, Pauline Grillo, Dorothy Darmanin, John Darmanin, Godwin Darmanin, Mary Therese Darmanin, maqsuma fi kwoti indaqs bejniethom.

7. Wiehed minn sbatax (1/17) parti lil Inez Harvey, Lawrence Bunting, u Joseph Bunting.

8. Wiehed minn sbatax (1/17) parti lil Rita Camilleri, Maria Marengo, Teresa Parker, Gemma Pereira, Frangisku Bonnici, Carmen Frendo, Joseph Zahra, Emanuel Zahra, Charles Zahra, Michael Fenech u Marisa Fenech fi kwoti indaqs bejniethom.

9. Wiehed minn sbatax (1/17) parti lil Maria Rosa Bugeja, Gillian Cachia, Tania Attard, Ruth D'Amato, Temistocle Attard, Tania Sciberras, Raymond Desira, Samuel Desira, Johan Desira, Christopher Desira, Marvic Buttigieg, Mark Desira, Nicholas Desira, Patrick Desira, Nolene Desira, Hilary Desira, Arthur Desira, Teresa Tonna, Joseph Desira, Albert Desira, Simon Desira, David Desira, Kim Desira, Violet Parnis, Frans Schembri, Sylvia Camilleri, Reverednu Joseph Abela, Pauline Schembri,

Silvia Pace, William Pace, Joseph Pace, Maria Concetta Saliba, John Pace, Evelyn Pace, Lawrence Pace fi kwoti indaqs bejniethom.

10. Wiehed minn sbatax (1/17) parti lil Pawlina Schembri.

11. Wiehed minn sbatax (1/17) parti lil Lino Dalli, Vincent Samwel, Antonia Buhagiar, Mario Samwel, u Tarcisio Samwel fi kwoti indaqs bejniethom.

12. Wiehed minn sbatax (1/17) parti lil Joseph Vella, Vincenza Roth, Carmen Catanese, u Mary Vella fi kwoti indaqs bejniethom.

13. Wiehed minn sbatax (1/17) parti lil Carmela Mercieca, li ghandha kwota ta' seba minn disa' (7/9) partijiet ta' dan is-sehem, filwaqt li Paul Vella u Antonia Zammit ghandhom wiehed minn disgha (1/9) partijiet ta' dan is-sehem bejniethom.

14. Wiehed minn sbatax (1/17) parti lil Mary Carmen Vella.

15. Wiehed minn sbatax (1/17) parti lil Dr. David Cefai, Michael Cefai, Dennis Cefai u John Cefai.

16. Wiehed minn sbatax (1/17) parti lil Carmela Mizzi, Suor Eustella fis-seklu Antonia Mizzi, Suor Maria Ugolina fis-seklu Teresa, Emly Mizzi, Lorenzo Mizzi u Lorenza Mizzi fi kwoti indaqs bejniethom.

17. Wiehed minn sbatax (1/17) parti lil Carmela Mizzi, Suor Eustella fis-seklu Antonia Mizzi, Suor Maria Ugolina fis-seklu Teresa, Emly Mizzi, Lorenzo Mizzi, Lorenza Mizzi, Carmela Mizzi, Lawrence Pellicano, Paul Pellicano, Thomas Pellicano, Alfred Pellicano, Helen Pellicano, Giuseppa Scicluna, Mary Archer, Lorenza Scicluna, Diva Scicluna, Carmelo Orsini, Margaret Crowe, Maria Teresa Toon, Lorenzo Orsini, Salvina Ghigo, fi kwoti indaqs bejniethom.

Dawk mill-eredi li gja hadu sehemhom mill-kont bankarju mal-HSBC Malta plc kif fuq spjegat m'ghandhomx jippartecipaw fil-qasma ta' dan il-kont.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi billi fil-waqt li tiddikjara li l-kontendenti huma komproprjetarji tal-assi elenkati kif murija fil-kap intitolat **‘Likwidazzjoni ta’ l-assi ereditarji ta’ Emanuele Orsini’** stabbilit f'din is-sentenza, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tillikwida l-assi ereditarji ta’ Emanuele Orsini fl-assi kif murija **“Likwidazzjoni ta’ l-assi ereditarji ta’ Emanuele Orsini.”**

2. Tilqa’ t-tieni talba fis-sens li tordna li l-kwoti ereditarji huma dawk stabbiliti bejn ir-rikorrenti f'ishma ugwali u originali kif indikat fil-paragrafu intestat **KWOTI EREDITARJI** u l-assi mobbli ghandhom jinqasmu bejn dawk mill-werrieta li ghadhom ma hadux sehemhom kif

spjegat fis-sentenza filwaqt li dawk immobbli jigu mibjugha b'licitazzjoni.

3. Ghaldaqstant tilqa' wkoll it-tielet talba u tiddikjara li l-assi imsemmija, referibbilment ghall-immobbli elenkati fl-assi kif murija **"Likwidazzjoni ta' l-assi ereditarji ta' Emanuele Orsini'** mhumiex komodament divizibbli bejn il-partijiet fil-kwoti rispettivi taghhom.

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna li jsir il-bejgh b'licitazzjoni bil-procedura mfissra mil-ligi ghall-bejgh bl-irkant, tal-fondi kif deskritti fir-rapport tal-Perit Tekniku nominat, **il-Perit Carmel Cacopardo,** liema fondi huma wkoll elenkati fil-lista immobbli kif murija fil-**"Likwidazzjoni ta' l-assi ereditarji ta' Emanuele Orsini'**. Il-bejgh b'licitazzjoni tal-imsemmija fondi ghandu jkun bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghhom, bil-prezzijiet stabbiliti abbazi tal-valuri moghtija mill-Perit Tekniku skont ir-rapport tieghu esebit a fol 413 sa 440 tal-process, liema rapport qed jigi addottat fl-intier tieghu ghall-fini tal-parti dispositiva ta' din is-sentenza.

Tordna li l-bejgh b'licitazzjoni isir fit-12 ta' Lulju 2018 fl-10:30a.m. fil-bini tal-Qorti.

5. Tilqa' l-hames talba u tordna li r-rikavat mill-bejgh tal-imsemmija proprjeta' jigu divizi bejn il-kontendenti kif spjegat hawn fuq fit-Tieni Talba.

Ghal dak li jirrigwarda l-kuraturi deputati biex jirraprezentaw l-eredita' gjacenti ta' Giovanna Ellul jigi ordnat li l-kuraturi ghandhom, wara li jnaqqsu d-drittijiet u

spejjez taghhom, jiddepozitaw ir-rikavat f'kont bankarju f'isem l-eredita' imsemmija li jigi amministrat minnhom fl-interess tal-eredita'. Ghandhom jaghtu rendikont tal-amministrazzjoni taghhom lill-Qorti kompetenti kull tliet (3) snin.

**Tordna li l-ispejjez tal-kawza jinqasmu skont l-ishma tal-partijiet, u cioe` fi sbatax il-porzjon, li jigu divizi sussegwentement bejn il-werrieta tal-istirpi rispettivi skont il-kwoti rispettivi taghhom.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**26 ta' April 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**26 ta' April 2018**